MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 467/2014/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 565/14**

**PF Steel Limited (C-45128)**

**v.**

**Lara Agius**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li pprezentat Lara Agius fit-30 ta’ Mejju 2014, u li jaqra hekk:

> “Illi permezz ta' ittra ufficiali numru 371/2014 datata s-sitta (6) ta' Frar 2014 (kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhala 'Dok 1'), l-esponenti giet interpellata sabiex thallas lis- socjeta’ PF Steel Limited is-somma kumplessiva ta' €32,784.27 rapprezentanti l-valur indikat fuq numru ta' kambjali flimkien ma' l-imghaxijiet legali skond l-istess ittra ufficjali;
>
> “Illi minkejja l-fatt li l-esponenti ikkontestat il-kambjali in kwistjoni entro t-terminu statutorju ghal-ragunijiet gravi u validi fil-ligi, permezz ta' rikors intavolat nhar is-sittax (16) ta' April 2014 is-socjeta’ PF Steel talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwesku ezekuttiv kontra l-esponenti;
>
> “Illi l-esponenti qieghda titlob ir-revoka ta' dan il-mandat ezekuttiv, u dan billi l-ittra ufficjali tas-sitta (6) ta' Frar 2014 1i kienet intiza sabiex trendi ezegwibbli l-imsemmija kambjali ai termini ta' l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 taL-Ligijiet ta' Malta hija nulla u bla effett, u ghalhekk is-socjeta’ PF Steel Limited ma tgawdi ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti;
>
> “Illi l-esponenti tissottometti illi l-ittra ufficjali in esami hija nulla u bla effett stante illi ma tikkontjenix it-twissija mehtiega mill-proviso ta' l-artikolu 253(e) lid-debitur bid-dritt tieghu li fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn notifika ta' dik l-ittra, huwa jista' jintavola rikors sabiex jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjali, liema twissija hi rikiesta **taht piena ta' nullita’**:

> ""L-ittra ufficjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso ghandha, taht piena ta' nullita', tavza lid-debitur bid-dritt moghti lilu minn dan il-proviso;"

"Illi fid-dawl tal-fatt illi ittra ufficjali mibghuta ai termini ta'l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 hi intiza sabiex tohloq titolu ezekuttiv, u ghalhekk tista' tippregudika l-pozizzioni tal-allegat debitur b'mod irrimedjabbli, ir-rekwiziti stabbiliti bil-ligi ghandhom jigu osservati u applikati b'mod rigoruz;

"Illi dan huwa simili ghall-kaz fejn tigi intavolata ittra ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12, jew jigi intavolat rikors guramentat. F'dawn iz-zewg kazijiet ukoll il-ligi tirrikjedi twissija bid-drittijiet tal-allegat debitur ad validitatem;

"Illi ghalhekk in-nullita' ta' ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikolu 253(e) li hi nieqsa mill-avviz surriferit hija dikjarata espressament bil-ligi;

"Illi l-esponenti tikkontendi li stante illi l-ittra ufficjali in kwistjoni hija nieqsa mill-avviz rikjest bil-ligi ad validitatem, u ghalhekk l-istess ittra ufficjali in kwistjoni hija nulla u minghajr effett, konsegwentement il-mandat ezekuttiv de quo ikun ukoll null u bla effett;

"Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

> "1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ittra ufficjali numru 371/2014 hija nulla u bla effett fil-ligi, u konsegwentement it-titolu esekuttiv vantat minn PF Steel Limited huwa ghalhekk null u bla effett fil-ligi;
>
> "2. Konsegwentament tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 565/2014.

"Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' PF Steel Limited."

Rat ir-risposta tas-socjeta` PF Steel li in forza taghha eccepiet illi:

“ILLI fl-ewwel lok jigi umilment sottomess illi l-ittra ufficjali numru 371/2014 fl-ismijiet "PF Steel Limited vs Lara Agius et" giet intavolata sabiex tirrendi numru ta'kambjali ezegwibbli ai termini tal-Artikolu 253(e) u 256(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Illi konsegwentement is-socjeta’ esponenti harget Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru. 565/2014. Dan qed jinghad ghas-semplici raguni illi r-rikors odjern huwa semai imsejjes fuq l-Artikolu 281 ta-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'Malta u mhux l-Artikolu 836 tal-istess Kap. 12 li si tratta revoka ta'mandati kawtelatorji;

“ILLI ulterjorment it-talbiet attrici huma ghal kollox frivoli u vessatorji u jikkonsistu f’intralc serju tal-buon amministrazzjoni tal-gustizzja u dan ghar-ragunijiet segwenti:

“1. Illi r-rikorrenti Lara Agius diga intavolat proceduri ghar-revoka tal-istess Mandat (**Rikors Nru 335/2014 SM**) quddiem Qorti diversament presjeduta;

“2. Illi fit- 22 ta' Mejju 2014 dik il-Qorti tat sentenza fejn iddecidiet, inter alia, illi zzomm ferm il-mandat ta' sekwestru numru 565/2014;

“3. Illi ghaldaqstant, u in vista ta' din id-decizjoni negattiva fil-konfront tar-rikorrenti, hija issa qed tipprova taghmel forum shopping billi tittenta tiehu decizjoni ohra ghar-revoka tal-Mandat minn Qorti diversament presjeduta;

“4. Illi semai ir-rikorrenti messet appellat dik id-decizjoni a tenur tal-Artikolu 281 (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, xi haga illi hija naqset milli taghmel;

“5. Illi ghal kull buon fini, ir-rikors ta' Lara Agius, ir-risposta tas-socjeta’ esponenti u kopja informali tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Mejju qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok. PF1 sa’ Dok. PF3;

“6. Illi subordinatament <u>u assolutament minghajr pregudizzju ghal dak appena sottomess</u>, is-socjeta’ esponenti tilqa' ghat-talbiet attrici billi tirriproduci l-eccezzjonijiet gja maghmula minnha fil-proceduri imsemmija quddiem Qorti ohra, u li dwarhom gja hemm decizjoni vinkolanti kif gja inghad(ara Dok. PF2);

“Illi ghaldaqstant, u in vista tal-premess, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad ghal kollox it-talbiet tar-rikorrenti u tapplika s-sanzjoni tad-“doppio spese” fil-

konfront taghha fid-dawl tal-fatt illi dan ir-rikors u t-talbiet kontenuti fih huma ghal kollox frivoli u vessatorji."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Lulju 2014, li in forza taghha dderemiet il-kaz fis-sens illi:

"... ... tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata PF Steel , tilqa' t-talbiet ta' Lara Agius billi tiddikjara u tiddeciedi li l-ittra ufficjali numru 371/2014 hija nulla u bla effett fil-ligi, u konsegwentement it-titolu esekuttiv vantat minn PF Steel Limited huwa null u bla effett fil-ligi; u tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 565/2014.

"Bl-ispejjez kontra s-socjeta' PF Steel Limited."

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wata li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi fil-kaz in ezami l-partijiet strahu fuq il-fatti minnhom dikjarati bil-gurament fl-atti gudizzjarji minnhom prezentati u d-dokumenti annessi ma ressqu ebda prova ulterjuri.

"Illi t-talba tar-rikorrenti jikkoncerna talba ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru Esekuttiv u mhux dak Kawtelatorju.

"Ir-rikorrenti qed tattakka t-titolu esekuttiv li biha hareg il-mandat esekuttiv fuq il-binari li l-ittra ufficcjali Dok. 1 a fol. 3, ma kienitx tikkontieni it-twissija skond il-ligi u cioe' illi l-intimat ghandu l-opportunita' li jopponi ghall-esekuzzjoni tal-kambjali, 'l ghaliex il-ligi ittieh id-dritt li jintavola rikors li ghandu jigi prezentat fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn notifika tal-ittra ufficcjali.

**"Ikkonsidrat:**

***""253. Huma titoli esekuttivi:***

***"(a) sa (d) Omissies***

***"(e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ:***

***"B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;"***

**"Ikkonsidrat:**

"Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Esekuttivi.

"Fil-meritu, Mandat Ezekuttiv bhal dan odjern, jista' jigi impunjat ai termini tal-**Artikolu 281(1) tal-Kapitolu 12**, li jaqra testwalment hekk:

***""Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata,***

***tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi."***

"Illi skond l-insenjament ta' dawn il-Qrati, b'mod specjali ghas-sentenza fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana et** deciza fil-**5 ta' Mejju 2005** per **Onor. Imhallef Dr. J.R. Micallef**:

***""Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-dispożizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi xelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-sahha tiegu, l-parti eżekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuża biex il- mandat jew att eżekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-meritu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att eżekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir- rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;***

***"Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;"***

"Mandat illi huwa att esekuttiv jinhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv huwa vigenti u li mad-daqqa t'ghajn jidher li l-mandat ihares dak kollu li tipprovdi il-ligi ghas-siwi tieghu u cioe' ir-rekwiziti indikati mill-Artikolu 274 tal-Kapitolu 12 u dan jinkludi li jinhareg mill-ligi kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati.

**"Ikkonsidrat:**

"Fil-kaz in ezami jidher bic-car li t-titolu ezekuttiv odjern hareg bis-sahha tal-ittra ufficcjali Dok. I a fol.3.

"Din ma tikkontjeniex it-twissija kif trid il-ligi, cioe' kliem cari u li jifhmu ic-cittadin ordinarju Malti. Ic-cittadin li jircievi l-ittra ufficjali, ghandu jigi mgharraf bi dritt tieghu li huwa jista' jopponi ghall-esekuzzjoni tal-kambjali billi jaghmel rikors fi zmien ghoxrin gurnata minn meta jircievi l-ittra ufficjali, u dana tant piena ta' nullita'.

"Illi referenza ghan-numru tal-Artikolu tal-ligi (kif sar fl-ittra ufficcjali indikata a fol. 3), ghal cittadin ordinarju (u mhux intix fil-ligi) m'hijiex it-twissija li ried il-Legislatur Malti, imma dahk fil-wicc, incens ghall-kliem tal-ligi, a skapitu tal-ispiritu tal-Ligi.

**"L-avviz lid-debitur f'dawn l-ittri ufficcjali ghandhom ikunu simili ghal dak li wiehed isib fil-procedura bil-giljottina.**

"Il-Qorti rat u ezaminat l-eccezzjoni moghtija mill-kontro parti inkluz dawk illi gew sollevati fit-talba precedenti ghar-revoka tal-istess mandat li wasslet ghad-digriet finali moghti fit-22 ta' Mejju 2014 Dok. PF3 a fol. 19.

"Il-Qorti taghraf li t-talbiet fir-rikors f'dawk il-proceduri m'humiex imsejsa fuq l-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 u ghaldaqstant dak d-degriet ma jikkostitwix res judicata, fil-konfront tal-proceduri odjerni."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` PF Steel Limited li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"... ... thassar u tirrevoka l-provvediment appellat moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Lulju 2014 fil-kaz fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jibatew minn Lara Agius."

Rat ir-risposta ta’ Lara Agius li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi dan hu appell minn decizjoni li tat l-ewwel Qorti li biha laqghet talba ta’ Lara Agius ghar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru numru 565/14 mahrug fuq talba ta’ PF Steel Limited kontra l-istess Lara Agius. Li gara kien li b’Ittra Ufficjali tas-6 ta’ Frar 2014, is-socjeta` PF Steel talbet li jigu rezi ezekuttivi diversi kambjali iffirmati minn Lara Agius. Din l-Ittra Ufficjali giet notifikata lill-Lara Agius fis-17 ta’ Marzu 2014. L-imsemmija Lara Agius fl-4 ta’ April 2014 ghamlet proceduri a bazi tal-proviso ghall-Artikolu 253(e) biex tissospendi l-ezekuzzjoni ta’ dawk il-kambjali (rikors 282/14 pendenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili) fejn allegat tpacija u vjolenza morali fil-hrug tal-kambjali. Qabel ma s-socjeta` PF Steel giet notifikata b’dan ir-rikors, fis-16 ta’ April 2014 talbet u ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 565/14. Wara il-

hrug ta’ dan il-mandat, Lara Agius ressqet rikors iehor (rikors 335/14) fejn talbet ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru inkwistjoni a bazi ta’ tliet kawzali: (i) li l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Frar 2014 hija nulla stante illi naqset milli tavzaha bid-dritt taghha li topponi l-ezekuzzjoni tal-kambjali u *“**apparti r-raguni tan-nullita**`”,* eccepiet (ii) it-tpacija u (iii) vjolenza morali waqt il-hrug tal-kambjali. Dan ir-rikors gie michud mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Mejju 2014 u ma tressaq ebda appell mid-decizjoni.

Dan ifisser li Lara Agius ezawriet ir-rimedju moghti lilha bl-Artikolu 281 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili bir-rikors 335/14, u inghatat sentenza kontra taghha, u ezawriet ukoll ir-rimedju moghti lilha bl-Artikolu 253(e) tal-istess Kodici, u dan bi procedura (rikors 282/14) li ghadha pendenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili. Issa hi fethet dawn il-proceduri l-godda (rikors 467/14) fejn qed titlob dikjarazzjoni li l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Frar 2014, hija nulla ghax nieqsa mill-avviz ghall-kontestazzjoni u r-revoka tal-mandat ta’ sekwestru.

L-ewwel Qorti laqghet it-talba wara li qieset li verament l-ittra ufficjali ma kellhiex avviz kif trid il-ligi u hi, kwindi, nulla.

Kif inghad is-socjeta` PF Steel appellat minn din is-sentenza u din il-Qorti tara’ li ghandha ragun. L-agir ta’ Lara Agius huwa kaz car ta’ *forum shopping* u abbuz ta’ procedura. Sfortunatament, l-ewwel Qorti waqghet fin-nassa tar-rikorrenti meta fir-rikorsi li ghamlet naqset, f’kull kaz, li tindika taht liema artikolu kienet qed titlob rimedju, u ressqet l-istess aggravji taghha f’sede differenti, bi speranza li tiehu xi haga minn x’imkien!

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, ir-rikors 335/14 sar a bazi tal-Artikolu 281 tal-Kodici msemmi, li hu l-uniku artikolu fil-ligi li tahtu wiehed jista’ jitlob ir-revoka ta’ mandat ezekuttiv, u hemm l-aggravju marbut man-nullita` tal-ittra ufficjali tressaq espressament u gie michud. Ir-rikors a bazi tal-Artikolu 253(e), dak bin-numru 282/14, ghadu pendenti, u mhux permess rikors iehor, a bazi tal-istess Artikolu 253(e), aktar u aktar wara t-terminu ta’ 20 jum previst fil-proviso tal-imsemmi artikolu. Jekk riedet tattakka l-validita` tal-ittra ufficjali ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 253(e), dan kellha taghmlu fir-rikors tal-4 ta’ April 2014 u mhux b’rikors iehor imressaq tardivament.

Kwindi, dan ir-rikors il-gdid meqjus taht l-Artikolu 253(e) huwa *fuori termine*, u meqjus taht l-Artikolu 281, (mhux hekk meqjus mill-ewwel Qorti) huwa milqut bil-gudikat bid-decizjoni tat-22 ta’ Mejju 2014. F’dawn il-proceduri l-godda, ma tresqux ragunijiet godda ghar-revoka tal-mandat ezekuttiv li ma kienux

jiffurmaw parti mir-rikors deciz fit-22 ta' Mejju 2014 u ghandu ghalhekk jigi michud.

Apparti dan, din il-Qorti trid tirrimarka li l-ilment ta' Lara Agius marbut mal-fatt li fl-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar 2014, ma gietx avvzata, skont hi, kif trid il-ligi bid-dritt taghha li topponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali, hi fiergha meta tqis li hi fil-fatt <u>opponiet</u> ghall-ezekuzzjoni kif trid il-ligi bir-rikors tal-4 ta' April 2014.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` PF Steel billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka d-decizjoni li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Lulju 2014 u minflok tghaddi biex tqis bhala irritwali t-talbiet ta' Lara Agius kif kontenuti fir-rikors taghha tat-30 ta' Mejju 2014 – salv u impregudikat l-ezitu tar-rikors 282/14 pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

L-ispejjez ta' din il-procedura inkluz in prim istanza, jithallsu kollha mill-appellata Lara Agius.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------